Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** ►**C1** **DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

ta' l-14 ta' Diċembru 2006

li tiddetermina l-livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokati lill-Komunità u lil kull wieħed mill-Istati Membri tagħha taħt il-Protokoll ta' Kjoto skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE

(notifikta bid-dokument numru C(2006) 6468)

(2006/944/KE) ◄

(ĠU L 327M, 5.12.2008, p. 796)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/778/UE tal-15 ta' Diċembru 2010	L 332	41	16.12.2010

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 505 (2006/944/KE)

▼B
▼C1

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Diċembru 2006

li tiddetermina l-livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokati lill-Komunità u lil kull wieħed mill-Istati Membri tagħha taħt il-Protokoll ta' Kjoto skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE

(notifikta bid-dokument numru C(2006) 6468)

(2006/944/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru [ta' qafas] tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-obbligi tiegħu ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II għad-Deċiżjoni 2002/358/KE jistabbilixxi l-impenji dwar il-limitazzjoni jew it-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet bl-iskop li jiġu ddeterminati l-livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokati lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Kjoto. L-Anness B għall-Protokoll ta' Kjoto jistabbilixxi l-impenji dwar il-limitazzjoni jew it-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet bl-iskop li jiġu ddeterminati l-livelli ta' emissjonijiet allokati lill-Istati Membri li ssieħbu mal-Komunità wara l-25 ta' April 2002, ħlief Ċipru u Malta li għad ma għandhomx impenji dwar il-limitazzjoni jew it-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet taħt il-Protokoll ta' Kjoto.

(2) Il-livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokati lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha, espressi f'tunnellati tal-ekwivalent tad-dijossidu tal-karbonju, huma ddeterminati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni. Dawn il-livelli tal-emissjonijiet huma kkalkulati abbażi tad-dejta riveduta dwar l-emissjonijiet għas-sena bażi mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/166/KE tal-10 ta' Frar 2005 li tistabbilixxi regoli li jimplimentaw id-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gass b'effett tas-serra tal-Komunità u għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kjoto [*titlu mhux uffiċjali*] ([2]), immultiplikata bl-impenji dwar il-limitazzjoni jew it-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2002/358/KE u fl-Anness B għall-Protokoll ta' Kjoto, immultiplikata għal ħames darbiet biex jirrappreżentaw il-ħames snin tal-ewwel perjodu ta' impenn tal-Protokoll.

([1]) ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 1.3.2005, p. 57.

▼C1

(3) Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/358/KE, l-ammonti assenjati tal-Komunità u ta' kull Stat Membru jridu jkunu daqs il-livell ta' emissjonijiet rispettivi tagħhom, iddeterminat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(4) Ir-reviżjoni tad-dejta dwar l-emissjonijiet għas-sena bażi taħt il-Protokoll ta' Kjoto, mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2005/166/KE, kienet teħtieġ kalkolu mill-ġdid li rriżulta f'differenza aritmetika ta' 11 393 397 tunnellati tal-ekwivalent tad-dijossidu tal-karbonju bejn l-ammont assenjat tal-Komunità Ewropea u s-somma tal-ammonti assenjati tal-Istati Membri elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2002/358/KE. Din id-differenza għandha tinħareġ bħala unitajiet ta' ammonti assenjati mill-Komunità.

(5) Id-Danimarka konsistement esprimiet stimi dwar l-emissjonijiet ta' sena bażi tagħha. Dawn l-istimi huma sostnuti b'informazzjoni dwar l-emissjonijiet eċċezzjonalment baxxi ta' sena bażi tagħha mogħtija fir-rapport tagħha ppreżentat skont l-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2005/166/KE. B'rikonoxximent tas-sitwazzjoni speċjali tad-Danimarka, li tirriżulta mill-emissjonijiet baxxi ta' sena bażi aktar mis-soltu u li għandha wieħed mill-ogħla tnaqqis obbligat ta' emissjoni kwantifikata skont l-Anness II tad-Deċiżjoni 2002/358/KE, il-Komunità għandha tavvanza 5 miljun unità tal-ammont assenjat lid-Danimarka.

(6) Kwalunkwe tibdil fil-livelli finali tal-emissjonijiet tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha li jkun ġej mir-reviżjoni tal-livelli tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll ta' Kjoto għandu jiġi speċifikat permezz ta' emenda għal din id-Deċiżjoni.

(7) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-livelli rispettivi tal-emissjonijiet f'termini ta' tunnellati tal-ekwivalent tad-dijossidu tal-karbonju allokati lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha għall-ewwel perjodu ta' impenn dwar il-limitazzjoni u t-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet taħt il-Protokoll ta' Kjoto huma stabbiliti fl-Anness.

▼M1

Artikolu 2

Id-differenza ta' 19 357 532 tunnellata ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju bejn il-livelli tal-emissjonijiet tal-Unjoni, u s-somma tal-livelli tal-emissjonijiet tal-Istati Membri elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2002/358/KE għandha tinħareġ bħala unitajiet ta' ammonti assenjati mill-Unjoni.

▼C1

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M1**

ANNESS

Il-livelli rispettivi tal-emissjonijiet allokati lill-Unjoni u lill-Istati Membri, f'termini ta' tunnellati ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju, għall-ewwel fażi ta' impenn dwar il-limitazzjoni u t-tnaqqis ikkwantifikat tal-emissjonijiet taħt il-Protokoll ta' Kjoto

L-Unjoni Ewropea (*)	19 621 381 509
Il-Belġju	673 995 528
Id-Danimarka	273 827 177
Il-Ġermanja	4 868 096 694
L-Irlanda	314 184 272
Il-Greċja	668 669 806
Spanja	1 666 195 929
Franza	2 819 626 640
L-Italja	2 416 277 898
Il-Lussemburgu	47 402 996
Il-Pajjiżi l-Baxxi	1 001 262 141
L-Awstrija	343 866 009
Il-Portugall	381 937 527
Il-Finlandja	355 017 545
L-Isvezja	375 188 561
Ir-Renju Unit	3 396 475 254

Il-Bulgarija	610 045 827
Ir-Repubblika Ċeka	893 541 801
L-Estonja	196 062 637
Ċipru	Mhux applikabbli
Il-Latvja	119 182 130
Il-Litwanja	227 306 177
L-Ungerija	542 366 600
Malta	Mhux applikabbli
Il-Polonja	2 648 181 038
Ir-Rumanija	1 279 835 099
Is-Slovenja	93 628 593
Is-Slovakkja	331 433 516

(*) Għall-iskop tat-twettiq konġunt tal-impenji taħt l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Kjoto skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tiegħu, skont id-Deċiżjoni 2002/358/KE u li japplikaw għall-Istati Membri elenkati fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni.